

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 327/2009

tal-21 ta' April 2009

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti natul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2009 fil-qafas tal-kwoti tariffarji stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ta' l-4 ta' Ġunju 2007 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5),

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.
- (2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2009 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2009, u, għall-grupp 3, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 huma, għal ċerti kwoti,

ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (3) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti natul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2009 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2009 huma, għal ċerti kwoti, anqas mill-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet, dawn ta' l-aħħar għandhom jiżdienu mal-kwantità fissa għas-subperjodu tal-kwota sussegwenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni introdotti skond ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2009 huma assenjati skond il-koeffiċjenti ta' l-allokkazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 616/2007, li għandhom jiżdienu mas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2009, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

ANNEX

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji tal-importazzjoni mressqa fil-perjodu mill-1.7.2009-30.9.2009 (%)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżiedu mas-subperjodu mill-1.10.2009-31.12.2009 (kg)
1	09.4211	0,477182	—
2	09.4212	(¹)	27 783 000
4	09.4214	46,661832	—
5	09.4215	37,082166	—
6	09.4216	(²)	1 267 610
7	09.4217	27,343152	—
8	09.4218	(¹)	3 478 800

(¹) Ma japplikax: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.

(²) Ma japplikax: l-applikazzjonijiet huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli.

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet ta' liċenzji tal-importazzjoni mressqa fil-perjodu mill-1.7.2009-30.6.2010 (%)
3	09.4213	1,692047